MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 185/2011

Rikors Numru 185/2011 FDP

Joseph Mallia (ID 192662M) bhala rapprezentant tas-socjeta Lloyds Malta Limited (C 24284) u din in rapprezentanza ta’ Brit (Syndicate Number 2987), Kiln (Syndicate Number 510) u St. Paul (Syndicate Number 5000), assiguraturi fis-suq ta’ Lloyds ta’ Londra, u dawn kif surrogati fid-drittijiet tas-socjeta Doublesin u Zammit Limited (C 7532)

vs

Nicholas Coppini
(ID 469073(M))

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors promotur tal-attur pprezentat fl-10 ta' Lulju 2011 in rapprezentanza tal-assikuraturi tas-socjeta Doublesin & Zammit Limited illi biha talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' tmin t'elef, tlett mija u hamsa u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€8,335.86) rapprezentanti danni illi soffriet is-socjeta Doublesin & Zammit Limited, assikurata mir-rikorrent nomine, b'rizultat ta' ingress u perkolazzjoni ta' ilma ghal gol-fond tas-socjeta assikurata mill-fond tal-intimat, liema perkolazzjoni ghamlet hsara fil-valur ta' seba' t'elef, sitt mija u sitta u ghoxrin Euro (€7,626) flimkien ma spejjez addizzjonali ta' surveyors ammontanti ghal seba' mija u disa' Euro u sitta u tmenin centezmu (€709.86).

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentat fil-5 ta' Ottubru 2011 fejn laqa ghal dak lilu attribwit billi cahad ir-responsabbilta' peress illi l-incident in kwistjoni kien wiehed ghal kollox accidentali u fortwit, b'ebda negligenza imputabbli lilu, u dana kien ingieb a konjizzjoni tar-rikorrent mal-ewwel tramite il-Perit tal-intimat.

Rat l-affidavit ta' Joseph Mallia ipprezentat fit-23 ta' Jannar 2012.

Semghet ix-xhieda moghtija fis-27 ta' Jannar 2012 ta' James Magri, surveyor imqabbad mir-rikorrent nomine, kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita, inkluz survey dettaljat tal-hsarat sofferti.

Rat l-affidavit ta' David Doublesin ippresentat fis-27 ta' Jannar 2012.

Rat illi fid-9 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kienx fadalu aktar provi x'jipprezenta.

Semghet ix-xhieda ta' Nicholas Coppini moghtija fil-15 ta' Ottubru 2012, kemm in ezami kif ukoll in kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-perit David Ellul Mercer moghtija fid-19 ta' Novembru 2012, kemm in ezami kif ukoll in kontro ezami, u rat ir-rapport minnu redatt.

Rat illi fid-19 ta’ Novembru 2012 l-intimat iddikajra illi ma kienx fadallu aktar provi x’jippresenta filwaqt illi l-partijiet, wara illi ghamlu t-trattazzjoni taghhom, qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza fil-25 ta’ Marzu 2013.

Ikkunsidrat

Illi l-kawza odjerna hija rizultat ta’ incident illi sehh fil-lejl tas-27 ta’ Ottubru 2009, meta l-ufficju tas-socjeta Doublesin & Zammit LImited, illi hija importatur u distributur ta’ apparat ta’ hifi, audio u video equipment, kellha hafna mill-merkanzija illi kienet mahzuna fl-ufficju taghha imxarrba u danneggjata irreperabbilment, rizutlat ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-intimat, illi jinstab sovrastanti il-hanut tas-socjeta Doublesin & Zammit Limited.

Illi, kif jirrizulta minn survey redatt mis-surveyor tar-rikorrent nomine, James Mallia, il-hsarat kienu kollha kkawzati mill-fatt illi l-apparat kien ixxarrab parzjalment jew kompletament u dana wassal biex apparat biex il-hsarat illi eventwalment hallas ir-rikorrent lis-socjeta assikurata taghha Doublesin & Zammit Limited, jammontaw ghal seba’ t’elef, sitt mija u sitta u ghoxrin Euro (€7,626).

Illi, da parte tal-intimat, il-valur tal-hsarat sofferti mis-socjeta Doublesin & Zammit Limited qatt ma kien ikkontestat peress illi l-kontestazzjoni ewlenija tieghu kienet illi l-incident kien wiehed accidentali u forwitu li ghalih huwa ma kienx responsabbli.

Ikkunsidrat

Illi, skond ir-rapport tal-perit tal-intimat, il-Perit David Ellul Mercer, huwa stqarr illi l-intimat beda jghix il-fond madwar sentejn qabel l-incident, liema post, l-intimat stqarr illi kien inbena ghal habta tas-snin 1940’s. Il-Perit Ellul Mercer stqarr illi l-post huwa ben mantnut u sahaq illi s-sistema idrawlika tal-post kien ghadu l-istess wiehed illi sab fih l-intimat, li huwa qal li certament ghandu aktar minn ghoxrin

sena, salv ghall installar ta‘ pressure pump fuq il-bejt fis-sistema idrawlika illi kien hemm, dovut ghal fatt illi gewwa tas-Sliema l-pressa ta‘ l-ilma hija baxxa.

Illi, dejjem skond l-istess perit, jidher illi l-hsara kienet dovuta ghal parti mis-sistema idrawlika illi kienet gejja mit-tank fuq il-bejt direttament gewwa il-bathroom tal-fond tal-intimat, liema parti jidher illi cediet bir-rizultat illi beda hiereg hafna ilma direttament gewwa il-hajt fejn is-sistema kienet mirduna, u l-ilma nizel isfel fil-fond tas-socjeta Doublesin & Zammit Limited, u gharraq l-apparat kollu illi huma kellhom hemmhekk.
Illi, wara illi sehh l-incident, l-intimat biddel is-sistema idrawlika billi installa sistema totalment gdida sabiex jirimpjazza is-sistema idrawlika illi huwa kif sab fil-fond meta xtraha.

Ikkunsidrat

Illi tul l-provi kollha prodotti, l-argument tal-intimat huwa illi is-sistema tal-ilma kienet wahda tajba u dina cediet minhabba f’incident fortuwitu illi huwa soffra, liema incident, l-intimat dejjem sahaq, ma kienx tort tieghu.

Illi, mill-provi tal-intimat, u aktar precizament tal-Perit tieghu, jirrizulta illi meta l-intimat xtara il-fond, huwa zamm fiha is-sistema idrawlika illi kien hemm. Madanakollu, minhabba fil-fatt illi l-pressa ta‘ l-ilma kienet wahda baxxa, huwa installa pressure pump fis-sistema idrawlika, sabiex jzid il-pressa ta‘ l-ilma fid-dar tieghu.

Illi, l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, kuntrarju ghal dak illi allega l-intimat, ma huwiex minnu li ma kienx responsabbli ghal-hsara illi grat. Dana qieghed jinghad ghax, l-ewwel u qabel kollox, l-argument li l-pressa ta‘ l-ilma gewwa tas-Sliema hija wahda baxxa hija wahda fallaci u dana mhux ghax il-pressa ta‘ l-ilma gewwa is-servizz mit-triq ma huwiex daqstant b;sahhtu, izda ghax il-hsara li sehh fis-sistema idrawlika tal-intimat ma sehhietx fil-parti illi mis-servizz tat-triq jaghti ghat-tank fuq il-bejt, izda gara f’dik il-parti tas-sistema mit-tank tal-bejt ghal god-dar. Ghalhekk, l-installar tal-pressure pump ma sarx ghax il-pressa ta‘ l-

ilma mit-triq kienet baxxa, izda saret biss ghax il-pressa gewwa d-dar kienet baxxa.

Il-fatt illi l-intimat ghazel li jinstalla sistema ta‘ pressure pump fuq sistema idrawlika ta‘ certa eta konsiderevoli, certament ikkawza aktar ‘stress‘ fuq is-sistema idrawlika b’mod illi eventwalment cediet, u dana peress illi cediet wahda mill-aktar partijiet dghajfa tas-sistema, ossija l-’elbow’.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-intimat kien ilu jghix gewwa il-fond ghal sentejn qabel ma gara l-incident, il-fatt illi l-hsara grat biss sentejn wara kien biss fortwuit, peress illi l-installar tal-pompa da parte tal-intimat kienet r-raguni principali ghaliex eventwalment is-sistema idrawlika cediet.

Ghalhekk, minkejja l-fatt illi, wara l-incident, l-intimat ghazel illi jbiddel is-sistema idrawlika kollha, tali decizjoni saret ftit tard wisq ghas-socjeta Doublesin & Zammit Limited, illi spiccat issofri hsarat ingenti, u l-intimat ghandu jerfa r-responsabbilta’ tad-decizjoni tieghu li jinstalla ‘pressure pump’ fuq sistema idrawlika antika, peress illi l-incident li wassal ghal kaz odjern sehh unikament tort tal-intimat.

Konkluzjoni

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti kif ukoll semghet ix-xhieda;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi;

Tichad l-eccezzjonjiet kollha tal-intimat u;

Tilqa t-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk;

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent nomine is-somma ta’ tmin t’elef, tlett mija u hamsa u tletin Euro u

sitta u tmenin centezmu (€8,335.86) kif ahjar deskritti fl-avviz.

Bl-imghax legali mit-13 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------